MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 934/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Stevens Industrial System (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta’ Mejju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u disgha u sittin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm169.19) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni ma’ mobile phone bin-numru 99430625.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment s-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-2 ta’ April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u disgha u sittin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm169.19), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------